MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 263/2007

**Karl Pisani (ID 27465 M)**

**vs**

**Maltapost Plc**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab l-hlas mis-socjeta' konvenuta fis-somma ta' hames mija u seba' ewro u tnejn u sittin centezmi (€507.62) gja` Lm217.92 rapprezentanti danni sofferti mill-attur wara li s-socjeta' konvenuta naqset li tikkonsenja artikoli postali l-Ingilterra.

Bl-ispejjez u l-imghax tal-hlas sofferti.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepixxiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda ta' Karl Pisani u Victor Scott kif ukoll ra l-affidavit ta' Victor Scott.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRA**

Illi mill-provi jirrizulta illi din hija kawza ghal hlas ta' danni sofferti mill-attur wara li s-socjeta' konvenuta naqset li tikkonsenja artikoli postali l-Ingilterra liema danni s-socjeta' konvenuta kkontestat.

Mix-xhieda ta` l-attur jirrizulta illi huwa kien baghat wiehed u erbghin sterlina permezz ta' *'bank draft'* b'ittra registrata mal-Maltapost plc nhar it-8 ta' April, 2006 izda dan l-artiklu ma wasalx ghand id-destinatarju, bil-konsegwenza illi l-attur ma setax jaghmel l-ezami tal-kors li kien hallas u pprepara ruhu ghalih. Jirrizulta illi sal-10 ta' Mejju, 2006 dan il-'*bank draft'* ma ssarrafx u l-attur ghamel '*stop payment'* tieghu. Mill-provi jirrizulta illi l-ittra registrata kienet telqet minn Malta izda intilfet l-Ingilterra. Sussegwentement, l-attur kien applika sabiex jaghmel l-ezami f'Dicembru, 2006 u hallas ghal kors gdid. It-talba tinkludi l-hlas ta` l-ezami kif ukoll l-kors mill-gdid.

Illi wara studju u evalwazzjoni tad-dokumenti ezebiti fl-atti, t-Tribunal jirrilleva illi skond l-istruzzjonijiet ta` l-*'examination entry form'* tal-*Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)* fir-Renju Unit, l-entita' li kienet qed tiprovdi l-kors, ghamlitha cara illi kienu jezistu zewg metodi ta' pagament ghall-ezamijiet. Wiehed tramite li l-formola tigi kompluta u rritornata ghand l-*ACCA* fl-indirizz moghti fir-Renju Unit flimkien ma` l-pagament, jew il-pagament l-iehor seta' jsir *'on-line'* tramite l-*website* tal-*ACCA*. L-*ACCA* fir-Renju Unit, ghamlitha cara u bit-tipa *'bold'* illi l-applikazzjonijiet tardivi

ma jkunux accettati u huma ma jassumux responsabilita` jekk is-sistemi tal-posta jfallu b'xi mod. Illi l-*ACCA* tmur oltre u tinforma l-partecipanti illi tirrakmanda illi l-applikazzjoni ghall-ezami ghandu jsir kemm jista' jkun kmieni sabiex il-partecipanti jassiguraw illi l-applikazzjoni tigi ricevuta u pprocessata fil-hin, qabel l-eghluq tad-data ghall-applikazzjoni ghall-ezami. Jinghad ukoll illi konferma ta` l-applikazzjoni ghall-ezami tigi mibghuta mill-*ACCA* lill-partecipant u jekk kemm–il darba il-partecipant ma jkunx ircieva din il-konferma seba` t`ijiem qabel l-eghluq tad-data, l-partecipant ghandu jikkonferma ma` l-*ACCA* li kienet irceviet il-hlas.

Illi mix-xhieda u d-dokumenti fl-atti jirrizulta illi l-attur kien baghat il-'*bank draft'* fit-8 ta' April, 2006 u cioe' seba` t`ijiem qabel l-eghluq ghall-applikazzjoni ghall-ezami. Illi ghalhekk skond l-istruzzjonijiet ta` l-*ACCA*, jirrizulta illi l-attur kien diga tardiv meta baghat il-'*bank draft'* lill-*ACCA* fir-Renju Unit meta d-data ghall-eghluq kien ha jkun il-15 ta' April, 2006 u met adejem skondl-istess kundizzjonijiet, l-applikant kellu sebat ijiem qabel d-data ta' l-eghluq ghall-ezami kellu jikkonferma jekk il-hlas kien giex ricevut.

Illi fil-fehma tat-Tribunal l-attur kien halla ghall-ahhar wisq meta kien baghat il-'*bank draft'* seba` t`jiem qabel l-eghluq. Illi fic-cirkostanzi tardivi li kien jinsab fihom l-attur, kien ikun ferm ahjar u ghaqli kieku hallas *'on-line'* kif kellu l-ghazla li jaghmel u kien ikollu konferma tal-hlas dak il-hin stess.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-attur kien skambja *'e-mails'* ma` l-*ACCA* fir-Renju Unit wara l-ewwel gimgha ta' Mejju ta` l-2006 meta ntebah illi l-hlas ma kienx gie ricevut fir-Renju Unit u l-*ACCA* kienu rrakmandaw illi jerga` jaghmel l-ezami f'Dicembru, 2006. Illi kien f'dak iz-zmien illi l-attur induna illi l-'*bank draft'* kien ma ssarrafx u ghamel *'stop payment'* tieghu fl-10 ta' Mejju, 2006. Mix-xhieda jirrizulta illi l-kors sussegwenti ma kellux sillabu li varja u li ghalhekk l-attur ma kellux jerga` ihallas ghal kors mill-gdid. Id-decizjoni li jerga` jhallas ghal kors gdid, kienet ta` l-attur ghaliex stqarr illi *'t-tutor'* tul il-kors jiggwidahom fis-

suggetti li aktarx johorgu ghall-ezami u li ghalhekk kien jaqbillu jaghmel il-kors mill-gdid.

In konkluzzjoni, t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ittra registrata kienet telqet Malta, izda l-ittra intilfet barra minn Malta. Illi l-Maltapost kienet offriet kumpens lill-attur, izda dan il-kumpens ma kienx bizzejjed u konsegwentement ma kienx accettabbli ghall-attur. L-attur ried li jigi rimborsat d-danni sofferti li skond l-attur kienu l-ispejjez ta' kors gdid u l-hlas ta` l-ezami.

Illi mill-provi jirrizulta illi d-danni sofferti ma gewx ippruvati mill-attur. Illi l-*ACCA* kienet ghamlitha cara illi l-attur seta' jaghmel l-ezami f'Dicembru, 2006 u ma kellux bzonn ihallas ghal kors gdid. Il-fatt illi l-attur hallas kors mill-gdid kienet ghazla purament ta` l-attur ghaliex kif qal huwa stess, *'it-tutor'* jinbidel u '*t-tutor'* jigwida l-istudent lejn is-suggetti ta' l-aktar rilevanza ghall-ezami. Illi fil-fehma tat-Tribunal din m'hijiex raguni valida ghat-talba ghal danni sofferti. Illi mill-provi rrizulta li l-attur ma kienx tilef il-wiehed u erbghin sterlina mibghuta fl-ittra registrata peress illi kien ghamel *'stop payment,'* u ghalhekk ma jirrizultawx id-danni li qed jirreklama. Illi fil-fehma tat-Tribunal, l-attur kien halla ghall-ahhar wisq sabiex jibghat il-hlas ghall-ezami, illi l-probabbilita' li kien ha jkun tardiv kienet tezisti, partikolarment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni illi l-*ACCA* taghmilha cara illi sa seba` t`ijiem qabel l-eghluq ghall-applikazzjoni ghall-ezami, l-partecipant kellu jara jekk l-flus kienux wasslu ghand l-*ACCA*. Izda sa seba` t`ijiem qabel id-data ta' l-eghluq l-attur kien ghadu ha jibda` bil-procedura ta' hlas, b'mezz konvenzjonali permezz ta' bank draft' mibghut bil-posta li jista' jiehu iktar hin minn dak previst. Fil-fehma tat-Tribunal, jidhirlu illi jekk l-attur, skond il-kundizzjonijiet ta` l-*ACCA* kien diga` tardiv, kien ikun ghaqli u opportun kieku hallas l-ezami *'on-line'* u b'hekk kien jirrimedja s-sitwazzjoni li kien jinsab fiha sabiex ikun jista' jaghmel l-ezami f'Gunju, 2006. Bi hlas *'on-line'* kien ikun f'posizzjoni illi bit-tekonlogija moderna ta` llum kien jaccerta li l-hlas jasal fl-istess gurnata.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi l-attur ma kienx qara bir-reqqa l-kundizzjonijiet ghall-applikazzjoni ghall-ezami ghaliex kieku ghamel dan huwa kien jirrimedja s-sitwazzjoni li kien fiha billi jhallas *'on-line'* fil-waqt illi jaghmel '*stop payment'* tal-'*bank draft'.* Peress illi l-attur kellu sa l-15 ta' April, 2006, sabiex ihallas *'on-line,'* huwa seta' jaghmel l-ezami f'Gunju, 2006 kif kellu pjanat u kif kien ipprepara ghalih. Irrizulta illi l-attur ivverifika jekk l-hlas kienx sar mhux qabel l-15 ta' April, 2006, id-data tal-eghluq ghall-applikazzjoni ghall-ezami izda vverifika jekk il-hlas kienx wasal, fl-ewwel gimgha ta' Mejju, 2006 meta kien tard wisq anke sabiex ihallas *'on-line.'* Ghalhekk it-Tribunal ma jhossx illi l-attur sofra d-danni mitluba minnu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici .
Spejjez tal-kawza ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------